# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 8 ta' Frar 2019**

**Numru 1**

**Rikors numru 653/2018 JRM fl-atti tal-mandat esekuttiv ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar numru 998/2018 fl-ismijiet:**

**Marlon Borg bħala mandatarju f'isem is-soċjetà estera *Jebmed S.r.l.***

***v.***

***M.V. Bright Star*, ġà *M.V. Trading Fabrizia* bin-numru tal-*I.M.O.* 9481960**

1. Dan huwa appell tal-bastiment *M.V. Bright Star* minn provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Lulju 2018 li bih ġiet miċħuda talba tal-istess bastiment biex jitħassar mandat esekuttiv maħruġ kontra tiegħu, u ġew miċħuda wkoll talbiet oħra ančillari.

2. Il-fatti relevanti għal dan l-appell huma dawn:

i. il-bastiment rikorrent *M.V. Bright Star* (li dak iż-żmien kien jismu *M.V. Trading Fabrizia*) kien proprjetà tas-soċjetà *Capitalease S.p.A.* u kien milqut b'ipoteka navali favur is-soċjetà intimata *Jebmed S.r.l.* ["*Jebmed*"];

ii. b'ittra ġudizzjarja tat-23 ta' Frar 2017 fir-reġistru tal-qorti ta' Malta *Jebmed* irrendiet l-ipoteka navali esekwibbli kif igħid l-art. 42 tal-Att dwar Bastimenti Merkantili ["Kap. 234"] u l-artt. 253 *et seqq.* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

iii. fit-28 ta' Ġunju 2017, meta l-bastiment kien il-Ġamajka, il-qorti tal-Ġamajka, fuq talba ta' *Jebmed* u oħrajn, ordnat il-bejgħ *sub hasta* tal-bastiment;

iv. fid-9 ta' Jannar 2018, wara l-bejgħ *sub hasta* fil-Ġamajka, il-bastment inxtara mis-soċjetà *Bluefin Marine Limited* ["*Bluefin*"] bil-prezz ta' għaxar miljuni u tliet mitt elf dollaru amerikan ($10,300,000);

v. fis-16 ta' Jannar 2018 inħareġ *certificate of sale* mill-qorti tal-Ġamajka favur *Bluefin*; iċ-ċertifikat igħid "*that the ship was sold to Bluefin Marine Limited … free of all mortgages, liens and encumbrances whatsoever*";

vi. fid-19 ta' Ġunju 2018 fuq talba ta' *Jebmed* u bis-saħħa tal-ipoteka navali magħmula esekwibbli, inħareġ mandat esekuttiv ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar fuq il-bastiment, u l-bastiment inqabad hawn Malta; fit-22 ta' Ġunju 2018 il-mandat tħassar

wara li b'ċedola ġiet depożitata fir-reġistru tal-qorti somma biex tagħmel tajjeb għall-kreditu.

3. Billi deherlu li l-mandat inħareġ bi ksur tal-liġi, għax fid-9 ta' Jannar 2018 il-bastiment kien inbigħ ħieles minn kull ipoteka navali, l-istess bastiment fetaħ dawn il-proċeduri tallum u talab illi l-qorti:

»1. tiddikjara illi l-mandat ta' arrest numru 998/2018 huwa illegali u / jew null skond il-liġi Maltija inkluż *ai termini* ta' artikolu 37D tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili u artikolu 281 tal-Kodici dwar l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

»2. tordna r-revoka tal-istess mandat *contrario imperio ai termini* ta' artikolu 281 ta' Kapitolu tnax tal-Liġijiet ta'Malta;

»3. tiddikjara illi l-mandat ta' arrest huwa frivolu u/jew vessatorju u/jew malizzjuż;

»4. tiddikjara li *Jebmed S.r.l.* għandha tħallas il-penali;

»5. tikkundanna lil *Jebmed S.r.l.* tħallas il-penali lill-bastiment intimat [*recte*, rikorrent];

»6. tillikwida d-danni sofferti mill-bastiment intimat [*recte*, rikorrent] *Bright Star* u/jew is-sidien tiegħu minħabba mandat ta' arrest numru 998/2018;

»7. tiddikjara … lis-soċjetà attriċi [*recte*, intimata] *Jebmed Ltd* [*recte*, *Jebmed S.r.l.*] hija responsabbli ghal dawn id-danni u tikkundanna u tordna l-istess soċjetà attriċi [*recte*, intimata] tħallas id-danni, hekk kif likwidati minn dina l-onorabbli qorti, lill-bastiment intimat [*recte*, rikorrent].«

4. Bil-provvediment tat-12 ta' Lulju 2012, li minnu sar dan l-appell, l-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet tal-bastiment għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»… … … din hija azzjoni għal tħassir ta' mandat eżekuttiv. Il-bastiment eżekutat irid li l-qorti tħassar mandat ta' qrrest ta' bastiment maħruġ kontrih mill-kumpannija eżekutanti *Jebmed S.r.l.* għaliex jgħid li ma għandhiex titolu eżekuttiv kontra tiegħu u b'hekk ma seta' jinħareġ l-ebda mandat eżekuttiv kontrih bis-saħħa ta' titolu bħal dak;

»Illi l-intimat eżekutant jgħid li din it-talba m'hijiex mistħoqqa għaliex huwa jgawdi tabilħaqq minn titolu eżekuttiv li huwa jista' jeżegwixxi kontra l-kumpannija eżekutata u kontra ħadd aktar. Jgħid ukoll li bil-fatt li l-istess eżekutata għaddiet biex iddepożitat b'ċedola taħt l-awtorità tal-qorti s-somma li tissemma fil-mandat juri li l-azzjoni tagħha saret għal xejn għaliex b'hekk hija aċċettat l-eżekuzzjoni tal-mandat u bit-tħassir tal-istess mandat jew mingħajru huwa jista' dejjem jiġbed is-

somma depożitata minnha meta jrid u jissodisfa l-kreditu kanonizzat favurih;

»Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti ewlenin marbutin mal-każ jirriżulta li fid-19 ta' Ġunju, 2018, il-kumpannija intimata eżekutanti (minn issa 'l hemm imsejħa "*Jebmed*") talbet u kisbet il-ħruġ ta' mandat eżekuttiv ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Mandat") kontra l-bastiment rikorrenti eżekutat (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Bastiment) bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv magħmul minn ipoteka navali ('*mortgage*') li saret fil-11 ta' Mejju, 2016, wara li *Jebmed* kienet intrabtet f'*master agreement* tal-5 ta' Mejju, 2016, f'isem sidt il-Bastiment, *Capitalease S.p.A.*, u aħjar imfisser f'*deed of covenants* bejniethom tal-11 ta' Mejju, 2016;

»Illi ladarba *Capitalease S.p.A.* naqset li tħallas id-dejn li *Jebmed* daħlet għalih f'isimha, u baqgħet inadempjenti minkejja l-intima formali li saritilha aktar minn darba, *Jebmed* irrendiet eżekuttiva l-imsemmija ipoteka navali bis-saħħa ta' ittra uffiċjali tat-23 ta' Frar, 2017, għall-finijiet tal-artikolu 253 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikolu 42 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili;

»Illi dakinhar li kienet reġistrata l-ipoteka navali favur *Jebmed* dwar il-kreditu li hija kellha kontra *Capitalease S.p.A.*, il-Bastiment – li qabel kien jismu "*Trading Fabrizia*" – kien itajjar bandiera Maltija u reġistrat fir-Reġistru tal-Bastimenti Merkantili ta' Malta;

»Illi l-kreditu li *Jebmed* tippretendi bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv minnha miksub jitla' għal tmien mija u għoxrin elf sitt mija u sebgħin Dollaru Amerikan u sebgħa u sittin ċenteżmu (US$ 820,670.67) li dak iż-żmien kienu jġibu seba' mija u tmienja u sebgħin elf tmien mija u sitta u erbgħin euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€ 778,846.61);

»Illi lejn l-aħħar ta' Jannar tal-2017 il-Bastiment inżamm milli jbaħħar mill-awtoritajiet navali tal-Ġamajka. Fis-7 ta' Frar, 2017, ir-Reġistratur tal-Bastimenti Merkantili ta' Malta bagħat jgħarraf lil *Capitalease S.p.A.* li, jekk kemm-il darba sa żmien xahar ma kinux se jitneħħew ir-raġunijiet li minħabba fihom il-Bastiment kien inżamm fil-Ġamajka, ir-reġistrazzjoni tal-Bastiment mir-reġistru Malti kienet se titħassar għall-finijiet tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 234 tal-Liġijiet ta' Malta;

»Illi fit-28 ta' Ġunju, 2017, il-Bastiment inbigħ b'irkant taħt l-awtorità tal-qorti tal-Ġamajka u nxtara minn kumpannija reġistrata fir-Repubblika tal-Liberja u r-rikavat depożitat fir-reġistru ta' dik il-qorti, u ismu nbidel għal dak li huwa llum u li taħt liema isem intalab u nħareġ il-mandat;

»Illi fit-22 ta' Ġunju, 2018, il-Bastiment talab u kiseb il-ħruġ ta' kontro-mandat għall-Mandat maħruġ kontrih, wara li, fiż-żmien mogħti fid-degriet tal-ħruġ tal-Mandat, tqiegħdet permezz ta' ċedola ta' depożitu fir-reġistru ta' din il-qorti s-somma tal-kreditu eżekuttiv u l-ispejjeż tal-mandat. Dakinhar ukoll, il-Bastiment fetaħ din il-proċedura;

»Illi għal dak li jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet ta' xejra legali li jirrigwardaw il-każ, irid jingħad li l-Bastiment ressaq din l-azzjoni espressament għall-finijiet tal-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

»Illi din il-qorti diġà wriet f'deċiżjonijiet oħrajn li hija tat qabel din li hija tal-fehma li l-għan li għaliha ddaħħlet il-proċedura taħt l-artikolu 281 fil-

Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra. Ta' min iżid jgħid ukoll li dan ir-rimedju ma jingħatax biss lil min kontra tiegħu jkun inħareġ mandat bħal dak, iżda wkoll lil "xi persuna oħra interessata". Dak li huwa tassew meħtieġ li jintwera minn min jinqeda bi proċedura bħal din hu l-eżistenza ta' "raġuni valida skond il-liġi";

»Illi din il-qorti, fl-istħarriġ li jmissha tagħmel fi proċedura bħal din, ma tinbidilx f'qorti ta' reviżjoni ulterjuri tal-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu li jkun. Għalhekk din il-qorti għandha toqgħod b'seba' għajnejn biex ma tħallix kwestjoni dwar mandat maħruġ minn qorti tinbidel fi kwestjoni ta' ftuħ mill-ġdid tal-mertu jew billi tħalli li jiddaħħlu fin-nofs kwestjonijiet oħrajn li jista' jkun hemm bejn il-partijiet involuti f'dak il-mandat. F'dan ir-rigward, il-qorti tqis li l-mottiv li jkun wassal lil xiħadd biex jitlob il-ħruġ ta' mandat m'għandux, bħala regola, ikun raġuni biex il-qorti tistħarreġ is-siwi tiegħu. Dan jingħad aktar u aktar fejn il-mandat ikun wieħed eżekuttiv, imsejjes fuq titolu li jkun eżegwibbli;

»Illi ċirkostanza partikolari li tikkaratterizza dan il-każ hi li l-Mandat attakkat ma għadux fis-seħħ aktar u dan billi l-istess Bastiment talab u kiseb il-ħruġ ta' kontro-mandat kontra l-Mandat wara li qiegħed taħt l-awtorità tal-qorti s-somma kollha tal-kreditu eżekuttiv mitlub minn *Jebmed*. Kif sewwa tgħid *Jebmed* fl-eċċezzjoni preliminari tagħha, minħabba f'hekk, inġab fix-xejn l-għan kollu li għalih il-Bastiment ressaq din l-azzjoni. Il-qorti ma tistax aktar tordna t-tħassir tal-Mandat li tħassar b'mod ieħor;

»Illi l-għaref difensur tal-Bastiment, waqt it-trattazzjoni tal-kawża, issottomettiet li, b'riżultat tal-fatt li tqiegħdet is-somma tal-kreditu taħt l-awtorità tal-qorti din il-qorti xorta waħda jibqagħlha s-setgħa li tqis it-tieni talba tiegħu billi, minflok tordna t-tħassir tal-Mandat, tawtorizza favurih (jiġifieri l-Bastiment) l-iżbank tas-somma mqiegħda taħt l-awtorità tal-qorti;

»Illi l-qorti ma tistax taqbel ma' din is-sottomissjoni. L-azzjoni magħżula mill-Bastiment hija waħda speċjali u limitata għal dak li tipprovdi l-liġi. Kemm hu hekk, fejn parti tixtieq tikkontesta s-siwi ta' mandat eżekuttiv jew tal-eżekuzzjoni tiegħu, wara li ssir l-eżekuzzjoni, il-liġi tipprovdi mod ieħor, u tagħti rimedji oħrajn ukoll kemm kontra l-parti eżekutanti u kif ukoll kontra l-uffiċjal eżekuttiv[1]. Fit-tieni lok, jidher li l-Bastiment iqis li l-proċedura tal-lum tista' tixxiebah mar-rimedji li l-liġi tagħti fil-każ tat-talba ta' ħruġ ta' kontro-mandat kawtelatorju. Huwa ċar li r-rimedju mogħti mil-liġi taħt l-artikolu 281 ma huwiex l-istess bħall-għażla ta' rimedji mogħtijin mill-istess Kodiċi fil-każ ta' mandati kawtelatorji;

1 Art. 279, Kod. Proċ. Ċiv.

»Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti ssib li l-eċċezzjoni preliminari ta' *Jebmed* hija tajba u ma hemmx lok aktar li l-qorti tqis it-tieni talba tal-Bastiment;

»Illi l-qorti tista' tieqaf hawn fil-kunsiderazzjonijiet tagħha. Madankollu, biex tkun indirizzat it-talbiet kollha tal-Bastiment jidhrilha li jixraq li tagħmel kunsiderazzjonijiet dwarhom ukoll;

»Illi jidher ċar li r-raġuni ewlenija li fuqha l-Bastiment isejjes l-argument ewlieni tiegħu dwar is-siwi tal-Mandat (sakemm kien għadu fis-seħħ) kienet li, ladarba l-Bastiment inbiegħ b'irkant taħt is-setgħa ta' qorti li fil-ġurisdizzjoni tagħha kien jinsab, il-bejgħ seħħ ħieles minn kull ipoteka navali jew piż ieħor li seta' kien jgħabbih sa dakinhar. B'hekk, jgħid li, fil-waqt li nħareġ il-Mandat, l-ipoteka navali li kienet it-titolu eżekuttiv li fuqu *Jebmed* straħet biex inħareġ il-Mandat kienet tħassret bis-saħħa tal-imsemmi bejgħ bl-irkant. Il-Bastiment jistrieħ fuq id-dispożizzjonijiet tat-tieni *proviso* tal-artikolu 37D(1) tal-Att tal-1973 dwar il-Bastimenti Merkantili;

»Illi *Jebmed* tikkontesta dan kollu u tgħid li, ladarba l-qorti tal-Ġamajka ma għarfitx (fi proċeduri mnedija quddiem dik il-qorti) is-siwi eżekuttiv tal-ipoteka navali li kienet kisbet kontra l-Bastiment, il-Mandat maħruġ mill-qorti f'Malta ma kienx nieqes mis-siwi sħiħ ladarba t-titolu eżekuttiv ma kienx tħassar minn xi qorti f'Malta jew dikjarat bħala mhux aktar fis-seħħ;

»Illi din il-kwestjoni hija sewwasew dak li ssemma qabel f'din is-sentenza dwar l-għan u l-parametri tal-azzjoni mressqa mill-Bastiment. Ir-raġuni li wasslet lill-Bastiment jitlob it-tħassir tal-mandat hija marbuta ma' kwestjoni dwar l-effikaċja tat-titolu eżekuttiv miksub minn *Jebmed*. Kemm hu hekk, bl-akbar lejaltà, l-għaref difensur tal-Bastiment qalet li ma kienx hemm kontestazzjoni dwar it-titolu vantat minn *Jebmed*, imma biss dwar jekk dak it-titolu setax jew messux jibqa' jitfittex aktar kontra l-Bastiment ladarba kien inbiegħ b'irkant u jekk *Jebmed* imisshiex tikkonkorri għall-ħlas tal-kreditu tagħha fuq ir-rikavat imħallas minn min xtara l-Bastiment b'riżultat tal-imsemmi rikavat;

»Illi l-qorti tista' tifhem l-argument tal-Bastiment u jista' jkollha l-fehmiet tagħha dwar is-siwi tal-istess, ukoll fid-dawl ta' dak li tgħid il-liġi Maltija, imma jibqa' l-fatt li l-kwestjoni tal-istħarriġ tas-siwi tat-titolu ma taqax taħt l-eżerċizzju li jmissu jsir f'azzjoni mibdija taħt l-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jidher li din hija kwestjoni li tkun trid titressaq b'azzjoni u fis-sura xierqa quddiem il-qorti kompetenti. Lanqas jista' jingħad li din l-azzjoni kif imressqa mill-bastiment tista' b'xi mod tinbidel f'azzjoni bħal dik bis-saħħa tal-artikolu 175 tal-istess Kodiċi, minħabba li l-azzjoni xierqa li l-Bastiment jista' jieħu trid titressaq f'forma oħra[2];

»Illi għalhekk ukoll, il-qorti ssib li lanqas tista' tilqa' l-ewwel talba tal-Bastiment eżekutat;

»Illi għal dak li jirrigwarda t-talbiet l-oħrajn, din il-qorti diġà qalet li wieħed irid jagħraf bejn ir-rimedji li l-liġi tagħti lil min ikun il-parti eżekutata f'mandat kawtelatorju minn rimedji mogħtijin lill-parti li tkun eżekutata f'mandat eżekuttiv, bħalma kien il-Mandat mertu ta' din il-kawża;

---

2 Art. 164(1) Kod. Proċ. Ċiv.

»Illi jidher li t-talbiet l-oħrajn li ressq il-Bastiment eżekutat huma talbiet li wieħed isib fi proċedura mnedija b'rimedju għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju. F'uħud minnhom ukoll, azzjoni għal rimedju – fejn jidħlu likwidazzjonijiet ta' danni mġarrba – tkun trid titressaq fis-sura ta' proċediment ordinarju b'rikors maħluf u mhux b'rikors;

»Illi hawnhekk ukoll, il-qorti ma tistax tħaddem analoġija għaliex il-leġislatur għażel li r-rimedji mogħtijin taħt is-sura ta' mandat eżekuttiv ma jkunux l-istess bħal dawk li jistgħu jingħataw fil-każ tal-ħruġ ta' mandat kawtelatorju;

»Illi minħabba f'hekk, it-talbiet tal-Bastiment fejn jidħlu tali rimedji huma irritwali għall-proċedura minnu magħżula f'din il-kawża;

»Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

> »tiċħad l-ewwel talba attriċi billi tmur lil hinn mill-kwestjoni li din il-qorti tista' tqis fi proċedura bħal din;
>
> »tastjeni milli tqis it-tieni talba attriċi fid-dawl tal-fatt li l-Mandat tħassar bil-ħruġ tal-kontro-mandat relattiv;
>
> »tiċħad it-talbiet l-oħrajn attriċi billi mhuwiex posthom f'azzjoni bħal dik imressqa mill-Bastiment eżekutat f'din il-proċedura; u
>
> »tordna li l-Bastiment eżekutat iħallas l-ispejjeż ta' din il-proċedura.«

5. *M.V. Bright Star* ressaq appell minn dan il-provvediment b'rikors tat-18 ta' Lulju 2018 li għalih *Jebmed* wieġbet fit-8 t'Awissu 2018.

6. L-ewwel aggravju tal-bastiment appellant jolqot ir-raġuni ewlenija għala l-ewwel qorti ċaħdet it-talba għat-tħassir tal-mandat, *viz.* illi ma jistax jitħassar mandat li ma għadux fis-seħħ wara li nħareġ kontro-mandat. L-argument ewlieni tal-appellant huwa illi, għalkemm il-mandat innifsu tħassar wara li b'ċedola sar depożitu tas-*sorte* u spejjeż, u hekk il-bastiment seta' jitħalla jbaħħar, l-effetti tal-mandat għadhom fis-seħħ fis-sens illi d-depożitu ħa post il-bastiment.

7. *Jebmed* wieġbet hekk:

»Illi fil-kwistjoni preżenti u permezz tal-mandat eżekuttiv, il-bastiment appellanti ġie ordnat sabiex iħallas lis-soċjetà esponenti fi żmien jumejn min-notifika tiegħu, u, fl-eventwalità ta' inadempjenza, l-istess soċjetà esponenti kienet ser tgħaddi għal bejgħ *sub hasta* tal-istess bastiment.

»Illi fil-mument illi sar id-depożitu taħt l-awtorità tal-qorti tal-ammont imsemmi u fiż-żmien ordnat, il-qorti laqgħet it-talba tal-bastiment għall-kontro-mandat u l-bastiment ġie irrilaxxat u tħalla jbaħħar. B'hekk il-mandat eżekuttiv tħassar *ipso jure* u *ipso facto*.

»Illi dan id-depożitu bl-ebda mod ma seta' jservi ta' xi garanzija in kwantu illi … l-mandat eżekuttiv jesiġi l-pagament u qatt ma jiġi sodisfatt b'garanzija.

»*Electa una via non datur recursus ad alteram*

»Li kieku l-bastiment verament kellhu raġuni għalfejn jikkontesta l-att eżekuttiv qatt ma kien ser jiddepożita l-ammont ordnat taħt l-awtorità tal-qorti. Il-leġislatur proprju għalhekk jipprovdi għal termini qosra u perentorji fl-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex kull kwistjoni tiġi aġġudikata fl-iqsar żmien possibli u dan mingħajr preġudizzu u b'riserva għad-danni skont l-artikolu 279 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Illi huwa evidenti madanakollu illi l-bastiment appellanti ma ried jieħu l-ebda riskju li tfallilu l-proċedura taħt l-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u s-soċjetà esponenti kienet tgħaddi għal bejgħ *sub hasta* u għalhekk f'attentat [*sic*] li jakkwista "*the best of both worlds*" iddepożita l-ammont taħt l-awtorità tal-qorti sabiex jottjeni l-kontro-mandat u jitħalla jbaħħar u fl-istess waqt jibqa' iċaħħad lis-soċjetà esponenti milli titħallas dak li ilu ben dovut lilha.

»Illi għalhekk hawnhekk għandha tapplika l-massima legali applikata universalment li *electa una via non datur recursus ad alteram*. Tajjeb jingħad illi b'dan l-aġir tal-bastiment appellanti u mal-mument li ġie ottenut il-kontro-mandat, is-soċjetà esponenti ġiet imċaħħda wkoll milli, bħala l-possessur ta' ipoteka navali, taġixxi skont id-drittijiet li din tikkonferilha taħt il-liġi Maltija, inkluż tal-bejgħ tal-bastiment.

»Illi kieku l-qorti kellha tippermetti dan l-aġir, tkun qed tagħti l-barka tagħha li jkompli jiġi usurpat kreditur li jipposjedi titolu eżekuttiv milli jesegwixxi u jenforza dak it-titolu skont id-drittijiet li ttih il-liġi Maltija«

8. Il-qorti taqbel mal-argument tal-bastiment appellant. Id-depożitu sar biex ma jkomplux jikbru d-danni billi l-bastiment jinżamm milli jbaħħar. Il-bastiment ma għandux jitqiegħed f'posizzjoni li jkollu jagħżel bejn rimedju immedjat – ħruġ ta' kontro-mandat wara depożitu – u rimedju definittiv – dak taħt l-art. 281 Kod. Proċ. Ċiv. – fis-sens li biex jagħżel wieħed ikollu jirrinunzja għall-ieħor. Wara kollox, il-ħruġ tal-kontro-mandat ikun fl-interess taż-żewġ partijiet: fl-interess tal-bastiment fil-każ li l-mandat inħareġ validament, biex il-bastiment ma jibqax miżmum aktar milli meħtieġ, u fl-interess ukoll ta' min ikun kiseb il-

ħruġ tal-mandat fil-każ illi l-mandat ikun inħareġ invalidament u hekk min ikun kiseb il-ħruġ tiegħu jkollu jagħmel tajjeb għad-danni.

9. Dan l-aggravju għalhekk għandu jintlaqa' fis-sens illi l-ħruġ ta' kontro-mandat wara depożitu ma għandux iżomm lill-qorti milli tqis hemmx raġunijiet għat-tħassir tal-mandat taħt l-art. 281 Kod. Proċ. Ċiv.

10. Dan iwassalna għall-kwistjoni jekk il-bastiment setax jinqeda bir-rimedju taħt l-art. 281 fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum. Il-bastiment appellant igħid illi l-fatt illi ma hemmx titolu esekuttiv li jolqot il-bastiment – għax igħid illi wara l-bejgħ *sub hasta* fil-Ġamajka l-bastiment ma għadux milqut bl-ipoteka navali – huwa raġuni tajba biżżejjed biex il-mandat jitħassar. *Jebmed* tikkontesta dan u tgħid hekk:

> »Illi jeħtieġ illi tinżamm distinzjoni netta bejn il-mandat kawtelatorju bħala mezz ta' kawtela għal min għandu pretensjoni, u l-mandat eżekuttiv li huwa mezz illi jenforza titolu eżekuttiv ottenut. Iż-żewġ mandati ma jistgħux ikunu aktar 'il bogħod minn xulxin fin-natura tagħhom. Bil-mandat eżekuttiv, l-eżekutant jesiġi l-pagament, l-eżekuzzjoni tat-titolu tiegħu, u mhux xi forma ta' garanzija!
>
> »Illi jsegwi għalhekk illi dak kollhu li jingħad fl-appell tal-bastiment eżekutat dwar il-garanzija huwa irrilevanti għal fini ta' din il-proċedura.
>
> »Illi tant hu hekk illi filwaqt illi l-artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi għar-revoka tal-mandat f'każ li "il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed" u anke "jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli", mill-banda l-oħra l-artikolu 281 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi biss għal rimedju f'każijiet estremi sabiex "l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss" u dan ir-rimedju mhux biss mogħti lill-eżekutat iżda anke kwalsiasi persuna oħra interessata.
>
> »Illi għalhekk l-element ewlieni illi irid jissodisfa l-mandat eżekuttiv huwa illi jkun ibbażat fuq titolu eżekuttiv tajjeb u li jinħareġ kontra dik il-persuna li kontra tagħha jista' jiġi esegwit dak it-titolu. Hawnhekk pertinenti issir riferenza … għar-rikors tal-appell fejn il-bastiment appellant jiddikjara illi "it-talba tar-rikorrenti appellant qatt ma kkonċernat la t-titolu eżekuttiv u lanqas ir-reviżjoni tiegħu".

> »Illi għandu jsegwi għalhekk, anke loġikament, illi ladarba ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar it-titolu eżekuttiv ossija l-ipoteka navali, ma għandu jkun hemm l-ebda kontestazzjoni dwar mandat eżekuttiv li inħareġ sabiex jenforza l-istess ipoteka navali.«

11. Il-qorti taqbel mal-appellant illi, ladarba titolu esekuttiv huwa element essenzjali biex jinħareġ mandat esekuttiv, in-nuqqas ta' titolu esekuttiv iwassal għall-invalidità tal-mandat. Fil-każ tallum, jekk meta nħareġ il-mandat dak it-titolu ma kienx għadu fis-seħħ safejn jolqot il-bastiment, mela l-mandat inħareġ invalidament. Tassew illi, kif sewwa qalet l-ewwel qorti, proċeduri taħt l-art. 281 Kod. Proċ. Ċiv. huma maħsuba biex jimpunjaw il-mandat u mhux it-titolu esekuttiv, u min irid jimpunja t-titolu esekuttiv ma għandux ifittex dan ir-rimedju taħt l-art. 281. Iżda fil-każ tallum il-kwistjoni ma hijiex il-validità tat-titolu iżda l-eżistenza tiegħu. Mandat esekuttiv maħruġ b'nuqqas ta' titolu esekuttiv huwa, fi kliem l-ewwel qorti, milqut b'"għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu" għax ma jkollu lanqas dehra ta' element essenzjali għall-ħruġ tiegħu.

12. Dan iwasslna għall-kwistjoni jekk kienx hemm jew le titolu esekuttiv li bis-saħħa tiegħu l-mandat seta' jinħareġ: fi kliem ieħor, jekk kienx hemm ipoteka navali fis-seħħ. Il-bastiment appellant jargumenta hekk:

> »L-appellant huwa tal-fehma li ma hemmx il-ħtieġa fil-presenti kuntest li jidħol f'ħafna dettal dwar x'ifisser meta bastiment ikun inbigħ liberu u frank.
>
> »*Nonostante* dan u għal kull buon fini, l-appellant jissottolinea illi hawnhekk *si tratta* prinċipju fundamentali tad-dritt marittimu li huwa sagrosant u *cioè* illi bastiment li jinbigħ *sub hasta* jinbiegħ "*free and unenċumbered*" u li ma jista jkun hemm ebda dritt ta' *droit de suite* wara bejgħ *sub hasta* u li d-djun li setgħu jappertjenu lill-kredituri tas-sid preċedenti ma jsegwux il-bastiment meta dan jigi transferit lil sidien ġodda wara bejgħ *sub hasta* iżda jiġu sodisfatti mir-rikavat – mill-prezz li jkun ħallas għalih ix-xerrej *sub hasta*.
>
> »Din mhiex kwistjoni ta' opinjoni jew interpretazzjoni iżda fattwalment dan jirriżulta mil-liġi tagħna stess fejn l-artikolu 37D li huwa speċifikament l-artikolu li jittratta l-poteri ta' *mortgage* taħt il-liġi tagħna jgħid illi:

> »"meta bastiment ikun ġie mibjugħ wara ordni jew bl-approvazzjoni ta' qorti kompetenti li fil-ġurisdizzjoni tagħha l-bastiment kien fiż-żmien tal-bejgħ, l-interess tal-kredituri kif ukoll dak ta' kull kreditur ieħor ipotekarji fil-bastiment jiġi mgħoddi għad-dħul mill-bejgħ tal-bastiment mhux issodisfatti mniżżla fih."

»L-evalwazzjoni tal-ewwel qorti għalhekk kienet wahda purament fattwali in kwantu l-fatt li l-bastiment inbigħ liberu u frank lis-sidien il-ġodda tiegħu jirriżulta ampjament mid-dokumenti ezebiti.

»Infatti l-*Bill of Sale* maħruġa sussegwentament għall-bejgħ *sub hasta* fis-16 ta' Jannar 2018 mil-Qorti Jamaicana tispeċifika illi :

> »"the Ship above particularly described has been freed from all liens and enumbrances and debts whatsoever up to 11.20 *AM* on January 2018."

»*Inoltre*, iċ-ċertifikat maħruġ mil-qorti Jamaicana fis-16 ta' Jannar 2018 jiddikjara illi "*the ship was sold to Bluefin Marine Limited free of all mortgages, liens and encumbranċes whatsoever*".

»Minkejja l-protezzjoni estensiva li l-liġi tagħna tagħti lill-*mortgagees*, fl-istess parti li jitkellem fuq *maritime liens and mortgages*, u *cioè* l-artikolu 37D tal-Kap. 234, il-ligi tipprovdi li anke *mortgagee* ma jistax ikompli jiehu passi kontra l-bastiment innifsu wara li jsir bejgħ *sub hasta* iżda illi dan jista' jieħu passi biss kontra r-rikavat tal-bejgħ.

»Dan kollu bl-ebda mod ma jfisser illi *mortgage* taht il-ligi Maltija mhuwiex titolu eżekuttiv jew li l-poteri tiegħu b'xi mod qed jiġu mnaqqsa, ifisser biss illi l-*mortgagee* għandu jipproċedi kontra r-rikavat tal-bejgħ *sub hasta* u mhux billi jieħu passi kontra bastiment li ġie akkwistat min sidien ġodda b'titolu liberu u frank taħt ordni ta' qorti kompetenti.

»Jingħad illi l-kontroparti jistrieħu fuq ċertifikat maħruġ mir-reġistru Malti fil-15 ta' Ġunju li juri li r-reġistru tal-bastiment ġie magħluq fil-5 ta' Ġunju 2017 qabel ma sar il-bejgħ *sub hasta* li juri li r-reġistru kien ingħalaq *'save as regards Mortgage A and Enbumbrances".* Dan id-dokument huwa għal kollox irrelevanti.

»Il-fatt illi fil-15 ta' Ġunju 2017 ħareġ dan iċ-ċertifikat b'din il-klawżola ma jfissirx illi l-*mortgage* jibqa' *in vigore* wara li nbigħ il-bastiment *sub hasta* fid-9 ta'Jannar 2018.

»Dan iċ-ċertifikat juri biss illi fil-5 ta' Ġunju 2017 u *cioè* seba' xhur qabel il-bejgħ *sub hasta*, ir-reġistrazzjoni kienet ġiet ikanċellata "*save as regards Mortgage A and Encumberances*". Iżda la darba u sussegwentament wara din id-data kien hemm bejgħ *sub hasta* fuq ordni ta' qorti kompetenti, imbagħad japplika artikolu 37D tal-istess Kap. 234 li jispeċifika illi f'kaz ta' *sub hasta* sussegwenti għal ordni ta' qorti kompetenti,"*the interests of the mortgagees as well as of any other creditor in the ship shall pass on to the proceeds of the sale of that ship*".

»Ir-rikorrenti appellant ukoll sabu diffikultà kbira jifhmu għaliex is-soċjetà appellata għażlet li tkun daqshekk sleali mal-ewwel qorti meta din ma svelatx *durante* l-proċeduri li hija kella tliet miljun dollaru Amerikan ($3,000,000) iddepożitati quddiem il-qorti Jamaicana li kienu rriservati proprju għaliha.

»Mhux talli hekk, talli l-kontroparti jargumentaw fir-risposta tagħhom illi peress illi l-ipoteka navali tagħhom ma ġietx rikonoxxuta ġewwa l-Jamaica, allura l-qrati Maltin m'għandhomx jirrikonoxxu l-bejgħ li sar *sub hasta*.

»Irrizulta ċar infatti mill-*formal order* maħruġ fil-5 ta' Marzu 2018 mill-qrati Jamaicani … illi ġie rriservat l-ammont ta' 3 miljun dollaru amerikan sabiex jiġu koperti l-pretensjonijiet kollha ta' *Jebmed srl*.

> »"*The sum of USD 3M representing proceeds paid into court to satisfy Jebmed's claim is to be paid into a US Dollar interest bearing account at the National Commercial Bank in the joint names of Chen Green & Company … on their undertaking not to part with the funds until further order of the court*."

»A kuntrarju ta' dak li ppruvaw jikkonvinċu lill-ewwel qorti s-soċjetà appellata, il-qorti Jamaicana tant irrikonoxxiet id-dritt ipoketarju tal-kontroparti illi l-*bailiff* li kien inkarigat bil-bejgħ *sub hasta* talab parir legali mingħand id-ditta legali Maltija *Ganado & Associates* … sabiex jaċċerta ruħu li skond il-liġi Maltija u *cioè* l-ligi li tirregola l-*mortgage*, is-soċjetà *Jebmed* kellha dritt tipproċedi kontra r-rikavat tal-bejgħ. Infatti l-qorti segwiet il-parir u irriservat 3 miljun dollaru speċifikament għall-*mortgagee*!

»Mhux talli hekk, talli ir-rikorrenti appellanti ottjeniet *affidavit* … tal-avukat tas-sidien preċedenti tal-bastiment appellant fejn gie kkonfermat illi is-somma ta' USD 3 miljun *dollar* Amerikan sabiex jikkawtelaw il-pretensjonijiet ta' *Jebmed* għadhom disponibbli għall-istess soċjetà kreditriċi.

»Il-fatt waħdu illi fil-Jamaica sabiex *mortgage* tiġi reża eżekuttiva jridu jsiru ċertu proċeduri skond il-liġi tal-Jamaica ma jħassarx mil-legalità u lanqas mis-saħħa tal-*mortgage*. Tant hu hekk illi l-qorti irriservat tliet miljun dollaru amerikan ($3,000,000) preċiżament għal dan l-skop. Dawn il-fondi qed jistennew il-preżentata ta' *affidavit* tal-avukat Jamaican sabiex jiġu rilaxxjati.

»Infatti l-parir legali li ottjeniet is-soċjetà appellata mill-avukati Jamaicani li annettiet mar-risposta tagħha, apparti l-fatt kardinali illi ma jneħħi xejn mill-fatt li l-bastiment inbigħ *free and unencumbered*, imkien ma jgħid li l-*mortgage* ma huwiex rikonoxxut mill-qrati Jamaicani. Dak li donnu jgħid il-parir huwa li it-titolu eżekuttiv li ġie ottenut Malta ma ġiex rikonoxxut u li sabiex jenforza d-drittijiet tiegħu ir-rikorrenti jrid jagħmel proċedura partikolari skond il-liġi tal-Jamaica.

»Aħna nafu lkoll li l-proċedura rikonoxximent u infurzar ta' *foreign mortgage* ġewwa Malta hija waħda effiċjenti għall-aħħar u li huwa faċli li wieħed irendi *mortgage* reġistrat taħt bandiera barranija eżelwibbli. Dan mhuiex dejjem il-każ f'ġurisidizzjonijiet oħra partikolarment dawk li jinsabu barra mill-*EU* fejn wieħed isib mekkaniżmu ulterjuri ta' *European Enforcement Order*. Jidher li l-Jamaica hija waħda minn dawn il-ġurisdizzjonijiet fejn iridu jiġu segwiti proċeduri domestiċi ulterjuri sabiex il-*mortgage* jiġi infurzat kontra r-rikavat tal-bejgħ.

»Dak li jrid jagħmel il-kontroparti f'dan l-istadju u *ai termini* tal-artikolu 37D tal-Kap. 234 huwa li jsegwi l-proċeduri domestiċi tal-liġi Jamaicana speċjalment meta għandu tliet miljuni ($3,000,000) allokati jistennewh u mhux jivvjola b'mod daqshekk inġust prinċipju fundamentali tad-dritt marittimu li l-bastiment inbigħ *free and unencumbere*d wara

*sub hasta*. Din hija mhux biss illegalità kbira bi ksur tal-liġi Maltija iżda inġustizzja kbira lejn is-sidien ġodda li ġew esposti għal danni u problemi kummerċjali kbar!

»Illi minkejja l-fatt li jista' jkun minnu li l-appellati se jiġu skomodati sabiex jinforzaw id-drittijiet tagħhom kontra r-rikavat f'Jamaica, f'sentenza … fl-ismijiet Michael Micallef *v. Lloyd's Malta Limited*, l-Onorevoli Imħallef Joseph R. Micallef sostna illi "fi proċedura bħalma huwa r-rikors imressaq quddiemha llum taħt l-artikolu 281 tal-Kap 12, dmir il-qorti huwa li tara biss jekk kemm-il darba hemmx raġuni tajba biex tħassar mandat eżekuttiv u mhux li tiggarantixxi li, akkost ta' kollox, il-kreditur eżekutant jitħallas il-kreditu tiegħu".

»Huwa punt kardinali tal-liġi nostrana kif ukoll tal-liġi internazzjonali illi wara bejgħ *sub hasta*, bastiment jinbigħ liberu u frank u kwalisiasi pretensjon ili kienet tesisti kontra s-sidien preċedenti tista' tiġi enforzata biss kontra r-rikavat.

»Jingħad illi l-konsegwenzi tal-artikolu 37D ċertament mhumiex kwistjoni ta' interpretazzjoni iżda huwa riżultat ta' dak li tgħid il-liġi stess.«

13. L-argument tal-bastiment huwa msejjes fuq l-art. 37D(1) tal-Kap. 234:

»**37D.** (1) Ipoteka navali reġistrata tibqa' tolqot bastiment jew sehem fih li dwaru tkun reġistrata sakemm tiġi mħallsa:

»… … …

»Iżda wkoll, li meta bastiment ikun ġie mibjugħ wara ordni jew bl-approvazzjoni ta' qorti kompetenti li fil-ġurisdizzjoni tagħha l-bastiment kien fiż-żmien tal-bejgħ, l-interess tal-kredituri kif ukoll dak ta' kull kreditur ieħor ipotekarji fil-bastiment jiġi mgħoddi għad-dħul mill-bejgħ tal-bastiment mhux issodisfatti mniżżla fih:

»… … …«

14. Peress illi l-verżjoni maltija tal-*proviso* ma hijiex għalkollox feliċi[3], qiegħda tinġieb ukoll il-verżjoni bl-ingliż:

»Provided further, that where a ship has been sold pursuant to an order or with the approval of a competent court within whose jurisdiction the vessel was at the time of the sale, the interest of the mortgagees as well as of any other creditor in the ship shall pass on to the proceeds of the sale of the ship:«

15. It-titolu esekuttiv li bis-saħħa tiegħu nħareġ il-mandat kien appuntu l-ipoteka. Il-bastiment iżda jgħid illi ipoteka ma kienx hemm fuq il-

[3] L-aħħar erba' kelmiet "mhux issodisfatti mniżżla fih" ma humiex fejn grammatikament kellhom ikunu, *viz.* bejn "fil-bastiment …" u "… jiġi mgħoddi". Barra minn hekk ma jidhrux fil-verżjoni bl-ingliż.

bastiment għax l-ipoteka għaddiet fuq id-dħul mill-bejgħ tiegħu, taħt l-art. 37D tal-Kap. 234.

16. Huwa minnu illi, taħt l-art. 37D, mal-bejgħ *sub hasta* l-bastiment jinħeles mill-ipoteka navali. Iżda mhux biżżejjed li jkun sar il-bejgħ: huwa meħtieġ ukoll illi "l-interess … ta' kull kreditur ieħor ipotekarju fil-bastiment jiġi mgħoddi għad-dħul mill-bejgħ tal-bastiment". Dan huwa loġiku: jekk id-drittijiet li l-ipoteka tagħti lill-kreditur ma jgħaddux fuq id-dħul mill-bejgħ, kemm bħala titolu u kemm bħala gradwazzjoni, l-ipoteka tinġieb fix-xejn proprju meta tqum il-ħtieġa għalha. Għalhekk il-liġi trid illi biex l-ipoteka ma tibqax tolqot lill-bastiment trid tgħaddi fuq id-dħul mill-bejgħ tiegħu *sub hasta*.

17. Il-kwistjoni mela hi jekk, taħt il-liġi tal-post fejn sar il-bejgħ *sub hasta*, l-ipoteka navali tgħaddix bis-saħħa tal-bejgħ fuq id-dħul minn dak il-bejgħ. Ikun inutli illi l-liġi ta' Malta tgħid illi l-bejgħ wara ordni tal-qorti jkollu dak l-effett jekk ma għandux dak l-effett fil-post fejn jinsab id-dħul mill-bejgħ, daqskemm ikun inutli illi l-liġi tal-post fejn sar il-bejgħ tgħid illi l-bastiment inħeles mill-ipoteki meta hemm kondizzjoni taħt il-liġi ta' Malta – fejn fil-preżent huwa maqbud id-depożitu li ħa post il-bastiment – li baqgħet ma tħarsitx għax l-ipoteka ma għaddietx fuq id-dħul mill-bejgħ.

18. Jekk il-bejgħ taħt il-liġi tal-Ġamajka jġibx miegħu l-konsegwenza li l-ipoteka tgħaddi fuq id-dħul mill-bejgħ hija kwistjoni ta' liġi barranija li trid issir prova tagħha. Din il-prova saret minn *Jebmed* permezz ta'

opinjoni legali mogħtija minn avukat pratikanti fil-Ġamajka; l-opinjoni tgħid hekk:

> »Counsel was asked to advise on the following issues:
>
> »Whether the "Registered Mortgage", Maltese Judgment and European Enforcement Order can be enforced in Jamaica?
>
> »… … …
>
> »<u>Enforcement of "Registered Mortgage", Maltese Judgment arid European Enforcement Order in Jamaica</u>
>
> »As there is no statutory provision for the reciprocal enforcement of judgements with either Malta or Italy in Jamaica we have to look at case law. The case of <u>Richard Vasconcellos *v* Jamaica Steel Works Ltd (formerly Jamaica Steel & Plastic Ltd) Ishmael Gafoor and Amelita Cafoor</u> outlines the procedure to enforce a foreign judgment in Jamaica.
>
> »In particular, Justice of Appeal Harrison's summary of the procedure to enforce judgments from countries that do not fall under the Judgments (Foreign) (Reciprocal Enforcement) Act. At paragraph 17 of the judgment he found:
>
>> »"There is no statutory provision in Jamaican law for the reciprocal enforcement of foreign judgments between the State of Florida, (USA) and Jamaica. These judgments have to be considered as simple contract debts between the parties and it is open to the Claimant to sue either on the foreign judgment or on the original cause of action on which it is based."
>
> »The judgment, for the purposes of enforcement, is treated as a contract including an implied promise to pay the judgment debt and is therefore treated as evidence of a cause of action for a debt. to pay the judgment debt and is therefore treated as evidence of a cause of action for a debt. In short, the Claimant would be suing for breach of contract. Therefore, the procedure is that you must sue on the "Registered Mortgage", Maltese European Enforcement Order or Judgment itselt as if it was a simple contract debt or sue on the original cause of action on which it was based for it to be enforceable in Jamaica.
>
> »There is no facility for the registration of the Maltese Mortgage in Jamaica and it therefore does not have any coercive force until the Court has exercised a judicial function in relation to it as described above.«

19. Minn dan jidher illi taħt il-liġi tal-Ġamajka l-ipoteka navali hija biss prova tal-kreditu, u ma għandha ebda effett eżekuttiv jew ta' preferenza li jgħaddi fuq id-dħul mill-bejgħ tal-bastiment. Għalhekk ma

tħarsitx il-kondizzjoni impliċita fl-art. 37D tal-Kap. 234 biex il-bastiment jinħales mill-ipoteka.

20. L-argument tal-bastiment illi "l-fatt waħdu illi fil-Ġamajka sabiex *mortgage* tiġi reża eżekuttiva jridu jsiru ċertu proċeduri skond il-liġi tal-Jamaica ma jħassarx mil-legalità u lanqas mis-saħħa tal-*mortgage*" ma jidhirx konfortat bl-opinjoni legali fuq il-liġi ta-Ġamajka, li tagħmilha ċara illi l-ipoteka titqies biss prova tal-kreditu li jrid jiġi kanonizzat quddiem il-qorti tal-Ġamajka, li jfisser illi l-ipoteka ma għaddiet xejn fuq id-dħul mill-bejgħ, la bħala titolu esekuttiv u lanqas bħala kawża ta' preferenza.

21. Il-fatt illi, fi kliem l-appellant, hemm tliet miljun dollaru ($3,000,000) "sabiex jikkawtelaw il-pretensjonijiet ta' *Jebmed*" ma jibdlu xejn minn dan, kemm għax, fi kliem l-appellant stess, dawn il-flus qegħdin biss biex "jikkawtelaw", mentri titolu esekuttiv ma huwiex biss mezz ta' prova iżda għandu jagħti jedd għal mezzi esekuttivi u mhux biss kawtelatorji, u kemm għax ma hemm ebda garanzija li ma hemmx kredituri oħra li għandhom kawża ta' preferenza li jitħallsu qabel *Jebmed* ladarba din ma għandhiex kawża ta' preferenza fuq id-dħul mill-bejgħ depożitat fil-Ġamajka għax l-ipoteka navali maltija ma hijiex magħrufa fil-Ġamajka.

22. Ir-rifjut tal-qorti fil-Ġamajka li tagħraf l-effett tal-ipoteka navali maltija inevitabilment iwassal biex l-effett tal-bejgħ ordnat mill-qorti tal-Ġamajka li jġib fix-xejn l-ipoteka navali maltija ma jiġix magħruf

f'Malta. Fil-fatt huwa l-bastiment appellant stess li jammetti dan meta jistqarr illi:

> »Aħna hawnhekk m'aħniex qed nikkontestaw il-poteri u s-saħħa tal-ipoteka navali – dak li qed jiġi sostenut huwa illi, wara li jsir bejgħ *sub hasta*, dawn il-poteri għandhom jiġu eżerċitati fil-konfront tar-rikavat tal-bejgħ u mhux kontra l-bastiment …«

23. Appuntu għax, kif inhi l-liġi fil-Ġamajka, "dawk il-poteri" – li l-ipoteka hija titolu eżekuttiv u mhux biss mezz ta' prova, u d-dritt ta' preferenza li tagħti l-ipoteka – ma jistgħux "jiġu eżerċitati fil-konfront tar-rikavat tal-bejgħ", għax l-ipoteka navali ma hijiex magħrufa fil-Ġamajka, il-bejgħ fil-Ġamajka ma jistax ikollu l-effett li kien ikollu l-bejgħ f'pajjiż li jagħraf l-ipoteka navali maltija. Hekk irid il-prinċipju ta' reċiproċità.

24. Għaldaqstant, l-aggravju tal-bastiment appellant, imsejjes fuq il-premessa li bil-bejgħ inħeles mill-ipoteka, ma jistax jintlaqa'.

25. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u, għalkemm għal raġunijiet għalkollox differenti minn dawl tal-ewwel qorti, tikkonferma ċ-ċaħda tat-talbiet tal-bastiment appellant.

26. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallashom il-bastiment appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm